FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 08 TA' MARZU 2017

Il-Pulizija

Supretendent Stephen Gatt

vs

Charles (Carmelo) Aquilina
Robert Aquilina
Darren Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati ta' karta tal-identita' 361469M, 463276M, u 461284M rispettivament akkuzati talli fil-31/07/2016 ghal habta tal-10.40pm gewwa l-Msida:

1. bil-hsieb li jaghmlu delitt cioe' omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Kevin Pace mill-Msida, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidi ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx giew esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom;
2. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Kevin Pace f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Kevin Pace jew gabhulu disordni f'mohhu liema offizi gravi kkagunaw debbulizza permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh kif ukoll gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta'Kevin Pace kif iccertifika Dr.Michael Spiteri M.D. tal-isptar San Luqa;
3. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg tal-Klabb tal-Bocci tal-Msida, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin lira Maltin;
4. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkagunaw offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Kenin Pace hekk kif iccertifika Dr Michael Spiteri M.D. tal-isptar San Luqa;
5. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebbew kontra l-persuna ta' Kevin Pace sabiex jingurjawh, idejqugh, jew jaghmlulu hsara;
6. lil Darren Aquilina biss talli fl-istess lok, jum , hin u cirkostanzi rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta, moghtija fil-15/03/2006 liema sentenza ma tistax tigi mibdula;
7. lil Charles Aquilina biss talli talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, nhar il-22/03/2005 liema sentenza ma tistax tigi mibdula;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali mahrug fil-konfront tal-imputati kollha;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukat difensur;

Ikkunsidrat:

Apparti r-recediva kontra z-zewg imputati Charles u Darren Aquilina, l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu qieghed jixli l-imputati kollha ta' feriti gravi bl-aggravanti li imwettqa fuq il-persuna ta' missier etc imsemmija fl-Artikolu 222 (1)(a), bl-aggravanti wkoll taht l-Artikolu 202 (h) (vii) u l-Artikolu 222 A (2) tal-Kap 9; ukoll li ghamlu hsara taht €2,500 bl-aggravanti taht l-Artikolu 325A (1) tal-Kap 9; alternattivament ta' offiza hafifa bl-aggravanti kif specifikati aktar il-fuq; oltre l-offiza kontravenzjonali ta' hebb, Artikolu 339 (1)(d).

Fuq l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali jistriehu l-akkuzi kontra l-imputati.

Dwar il-fatti, l-istess jirrizultaw filli certu Kevin Pace nstab bilqeghdha barra l-klabb tal-bocci tal-Msida b'demm icarcar ma wiccu. Allegatament kien gie aggredit mill-kugini tieghu, ossija l-imputati.

Il-kawza ssib l-bidu taghha ghas-sena 2006 u minn dak li ikkonstatat il-Qorti c-cirkostanzi li wasslu ghall-ferita gravi huma konsegwenza ta' rissa u fl-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali ebda riferenza ma ssir fir-rigward.

Ghaldaqstant taqta u tiddeciedi li stante li ai termini tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali, l-akkuzi ma jirrizultawx pru vati, tillibera lill-imputati minn kull htija u piena.

A.M. Trigona
Magistrat